**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Ottubru, 2015

Rikors Guramentat numru : 38/14 AL

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-15 ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011), fir-Registru Pubbliku, il-Belt Valletta, skont kif jidher mic-Certifikat taz-zwieg taghhom numru 47 tas-sena 2011 fir-Registru taz-Zwigijiet, Malta illi kopja tieghu qed tigi annessa ma dan ir-Rikors u esebita u mmarkata bhala Dokument A;
2. Illi r-relazzjoni tal-partijiet hija regolata permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ffirmat nhar it-8 ta' Marzu 2013 in

atti n-Nutar Dr Katya Cachia;

3. Illi z-zwieg tal-kontendenti huwa null u bla effett fil-Ligi stante illi l-kunsens ta' wahda mill-partijiet inkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li setghet mix-xorta taghha, tfixkel serjament il-hajja mizzewga, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (c) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;
4. Illi ulterjorment iz-zwieg tal-kontendenti huwa null ukoll peress li l-kunsens ta' l-intimat kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghhom, jew b'anomalija psikologika serja illi ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini tal-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg ta' l-1975;

Talbet, in vista ta' dak kollu fuq premess, li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ccelebrat bejn il-kontendenti nhar il-15 ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) huwa null u bla effett ghal kull fini u effett tal-Ligi;
2. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jannota tali nullita ta' l-Att taz-Zwieg numru 47 tas-sena 2011;

Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni;

Rat illi l-konvenut, notifikat, ma pprezentax ir-risposta tieghu u ghalhekk huma kontumaci f'din il-kawza;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attrici;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba sabiex iz-zwieg bejn il-partijiet datat il-15 ta' Jannar 2011 jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c) u 19(1)(d) tal-Kap. 255. L-intimat min-naha tieghu ma jintavola ebda risposta guramentata pero' jaghti x-xiehda tieghu.

**Il-verzjoni tal-attrici**

Permezz tal-affidavit taghha[1] l-attrici tghid li l-intimat kien wiehed minn tal-ewwel guvintur li qatt harget maghhom tant li saret tafu meta kellha biss tnax (12) –il sena. Ir-relazzjoni taghhom kompliet sakemm ta' hmistax (15) –il sena indunat li harget tqila. X'hin kellmet lill-intimat, iddecidew li jizzewgu. Tispjega li ma kellha ebda intenzjoni li tizzewweg pero' ddecidiet hekk peress li kienet qed tistenna tarbija. Iz-zwieg sar meta t-tarbija kellha biss erba' (4) xhur u marru jghixu ghand il-genituri taghha.

Tghid li l-glied ta' bejniethom beda mill-ewwel, principalment minhabba l-flus, peress li l-intimat ma kienx qed imur ghax-xoghol. Stqarr maghha li ma kienx ihobb jahdem. Kien biss bl-ghajnuna tal-familja taghha li kien ikollha flus biex tixtri l-bzonnijiet ghat-tarbija ghaliex meta kien jahdem, l-intimat kien izomm il-flus ghalih. Meta kienu jiggieldu minhabba l-flus, l-intimat jew kien jiddejjen bil-konsegwenza li l-kredituri kienu jmorru jfittxuh ghaliex ma kienx jasal biex ihallashom u jispiccaw fl-idejn, jew kien imur jisraq. Sahansitra seraq anke lill-genituri taghha u lil zijitha, b'dan li l-genituri taghha ddecidew li ma jaghmlu ebda rapport mal-Pulizija ghax bezghu li jmur il-habs u li t-tarbija titrabba minghajr missier. Kien anke jiehu xi affarijiet taghha biex ikun jista' jaghmel il-kapricci tieghu. L-intimita' ta' bejniethom kienet kwazi spiccat ghal kollox ukoll.

L-attrici tghid li ftit wara z-zwieg skopriet li l-intimat kellu l-problemi mal-gustizzja – fatt li ma setghetx taccetta. Darba fost l-

[1] Esebit a fol 12 tal-process

ohrajn, wara glieda kbira, telaq mid-dar tal-genituri taghha u saret taf li ghandu relazzjoni ma' tfajla ohra li pinga isimha fuq idejh.

Taghlaq billi tghid li li kieku kienet taf dan kollu fuq l-intimat, zgur li ma kienitx tizzewwgu u li fil-verita' z-zwieg taghhom ma kienx ta' veru ghaliex hadu decizjoni ta' malajr minhabba li kienet gejja tarbija fid-dinja u ma kienux preparati ghaz-zwieg.

## **Il-verzjoni tal-intimat**

Permezz tax-xiehda tieghu[2] l-intimat ma kienx f'posizzjoni li jghid kemm damet ir-relazzjoni tieghu mar-rikorrenti imma jghid li damet sena zgur. Mistoqsi jekk jikkonfermax li r-rikorrenti harget tqila minnu qabel iz-zwieg jirrispondi 'hekk suppost'. Mistoqsi mill-Qorti jekk jahdimx, jghid li le u jikkonferma li jirregistra. Jikkonferma wkoll li kien jghix ghand il-genituri tar-rikorrenti u li daqqa kien jahdem u daqqa le, aktar ma jahdimx milli jahdem pero'. Jikkonferma li omm ir-rikorrenti kienet tghin finanzjarjament u li kien ikollhom glied bejniethom dwar din il-kwistjoni tal-flus. Jghid li ma kienx ihallas manteniment ghat-tifla pero' issa qieghed ihallas ghoxrin Euro (€20) fil-gimgha peress li bla xoghol. Jikkonferma wkoll li seraq lill-genituri tar-rikorrenti u li ammetta maghhom.

## **Il-Mertu tal-Kaz odjern**

Il-partijiet jidher li zzewgu nhar il-15 ta' Jannar 2011 kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit a fol 5 tal-process. Mill-assjem tal-provi, jirrizulta b'mod inekwivoku li l-attrici kienet harget tqila qabel iz-zwieg, tant li t-tarbija kellha ftit xhur fil-mument tal-kunsens taz-zwieg. It-tarbija kienet ir-raguni principali ghaliex sar dan iz-zwieg.

F'dan l-istadju l-Qorti ser tghaddi sabiex tiddiskuti l-aggravji li fuqhom ir-rikorrenti qed tibbaza t-talbiet taghha. Illi dwar l-Artikolu

[2] Datata l-24 ta' Marzu 2015 esebita a fol 29 tal-process

19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-ohra li tista' mix-xorti taghha tkixkel serjament il-hajja mizzewga, f'dan l-istadju, ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Micallef Pierina Vs Bentanfous Amor** fejn gie dikjarat li "***Kwantu ghal "qerq" …. dan certament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodici Civili. L-eghmil doluz pero` ma jista' qatt ikun prezunt u ghandu jigi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbieghed ir-raguni u jeghleb il-volonta`***". Imbaghad, permezz tal-kawza fl-ismijiet **Sciberras Stephen Vs Av. Francesco Depasquale Et Nomine,** gie sostnut ukoll li "***Sabiex ikun hemm nullita` ta` zwieg fuq il-bazi li l-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita tal-parti l-ohra li tista' mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, huwa mehtieg li tali kwalita`:***

***1. tkun wahda inerenti ghall-persuna u mhux xi att fil-passat;***

***2. tkun prezenti fil-mument tac-celebrazzjoni taz-zwieg;***

***3. tkun gravi jew oggettivament jew soggettivament;***

***4. ma tkunx maghrufa lill-parti l-ohra;***

***5. tigi mistura frawdolentement sabiex jigi ottjenut il-kunsens maritali; u***

***6. trid tipprovoka krizi meta tigi skoperta, ghax inkella jitqies li l-izball ma kienx sostanzjali***".

Il-Qorti tirrileva li dwar dan l-Artikolu, r-rikorrenti ssostni li qabel ma zzewgu, l-intimat kien jidher kwiet, b'dan li ma kellha ebda hjiel dwar l-aspetti tal-karattru tieghu, li skopriet wara z-zwieg, fosthom il-fatt li ma riedx jahdem u li kien jisraq. Il-Qorti taghti kredibbilita' lir-rikorrenti dwar tali aspetti, specjalment in vista tal-fatt li l-istess intimat jammetti li ma jhobbx jahdem u li kien seraq ukoll lill-genituri taghha, pero' l-kwistjoni kollha ddur fuq jekk verament kienx hemm ingann jew le da parti tal-istess intimat. Il-

Qorti thoss li tenut kont tal-eta' tenera tar-rikorrenti (sbatax (17) – il sena) meta sar iz-zwieg u tenut kont tal-fatt li z-zewg partijiet iddecidew li jizzewgu ghaliex kellhom tarbija u mhux ghax verament riedu jaghmlu dan il-pass, jirrizulta li ma kien hemm ebda qerq *ai termini* tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq. Li jidher li kien hemm kien nuqqas ta' zmien veru u proprju fejn il-partijiet setghu verament isiru jafu lil xulxin (u dan kien limitat kemm biz-zmien kif ukoll bil-fatt li l-istess partijiet verament kienu ghadhom zghar fl-eta' u ghalhekk ma kellhomx dik il-maturita' li jindunaw b'certu karatteristici fil-karattri ta' xulxin) pero' ma jirrizultax li l-intimat qarraq bir-rikorrenti intenzjonalment. Il-Qorti m'hijiex konvinta li l-intimat ried iqarraq bir-rikorrenti, izda jirrizulta li din tal-ahhar kienet immatura u kienet ghadha zghira biex tirrealizza li l-istess intimat ma kellux hegga ghax-xoghol u li minkejja li hi kienet lesta li terfa' r-responsabbilita' ta' omm, l-intimat ma kienx fuq l-istess pagna ghalkemm accetta li jizzewweg.

Illi dwar l-Artikolu 19(1)(d) u cioe' li l-kunsens tal-intimat kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, kif ukoll minhabba li l-intimat minhabba anomalija psikologika serja kien inkapaci illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, il-Qorti thoss li mill-provi esebiti, jirrizulta bl-aktar mod car li l-partijiet dahlu ghaz-zwieg ghar-raguni zbaljata u cioe' ghaliex l-attrici kienet harget tqila u xejn aktar. Jirrizulta wkoll li l-intimat anke prezentement m'ghandu ebda sens ta' maturita' jew responsabbilita' versu bintu, ahseb u ara kemm verament fehem ghal xiex kien diehel meta l-partijiet iddecidew li jizzewgu. Mill-mod ta' kif jirrispondi ghad-domandi, mill-fatt li m'ghandux impjieg u ma jaghmel ebda sforz biex jipprova jirranga hajtu, jidher car li l-intimat ma fehemx ir-responsabbilitajiet taz-zwieg u ta' genitur. Minhabba l-ghazz tieghu u n-nuqqas ta' hegga lejn il-hajja in generali, l-intimat qatt ma seta' jifhem u jaqdi d-dmirijiet tieghu ta' missier jew ta' ragel mizzewweg u ghalhekk kien inkapaci f'dan is-sens.

Il-Qorti ma tistax ma tirrilevax li l-kwistjoni u d-decizjoni ghaz-zwieg, tirrizulta li kienet marbuta biss mal-fatt li l-attrici kienet

harget tqila u xejn aktar, ghaliex l-istess partijiet bil-kemm kienu jafu lil xulxin. Ma kellhom xejn preparat ghaz-zwieg tant li marru joqghodu ghand il-genituri tar-rikorrenti, filwaqt li l-intimat jidher li baqa' jghix il-hajja ta' qabel u cioe' hajja ta' minghajr ebda forma ta' responsabbilita'.

F'dan l-istadju ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Parties Atkins Charles Vs Atkins Matilde**[3] fejn inghatat spjegazzjoni dettaljata ta' xi jfisser dan l-Artikolu u xi jrid jigi ppruvat quddiem din l-Qorti sabiex it-talba attrici tigi akkolta. Fi kliem l-istess Onorabbli Qorti:

"***Il-kuncett tad-discretio judicii ma jirrikjediex maturita` shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi z-zwieg, izda konoxxenza shiha ta' dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe` ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva u cjoe` dak kollu li ghandu x'jaqsam ma' l-emozjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mill-ligi…Il-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li taghmilhom kapaci jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha il-hajja mizzewga u jkunu ghalhekk kapaci jerfghu u jwettqu l-istess matul il-hajja matrimonjali taghhom***"***.***

Illi ssir referenza wkoll ghall-kawza fl-ismijiet **Borg Cachia Melanie Vs Borg Joseph**[4] fejn intqal hekk: "***Il-persuna li tat il-kunsens trid tkun qed issofri minn immaturita' affettiva jew semplici njoranza. B'dan l-artikolu, il-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku, izda dan in-nuqqas tad-discretio judicii huwa kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg…Il-gurisprudenza***

[3] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

[4] Deciza nhar id-29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

***nostrana ssegwi din l-interpretazzjoni - ghalhekk id-difett irid ikun wiehed serju fil-fakolta' kritiko-estimativa tal-parti, difett li wiehed jevalwa u jifhem u jassumi dawk li huma d-drittijiet u dmirijiet essenzjali taz-zwieg, jew li jevalwa u jifhem x'inhu z-zwieg u l-hajja mizzewga***".

In vista tal-gurisprudenza citata aktar 'il fuq u in vista tac-cirkustanzi li wasslu ghal dan iz-zwieg, il-Qorti thoss li fil-mument propizju, l-intimat ma kellux id-*discretio judicii* sabiex verament jaghti l-kunsens tieghu, u dan anke in vista tal-fatt li dan iz-zwieg sehh biss minhabba l-fatt li kienet twieldet tarbija barra z-zwieg u xejn aktar.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici u tiddikjara z-zwieg null u bla effett fil-ligi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Kap. 255.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella-Baldacchino
Deputat Registratur